MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2731/2002

**Carmel Axiaq**

**vs**

**Cristino Cortis**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru, 2002 fejn intalab lill-konvenut ihallas s-somma ta' hames mitt lira Maltija u erbghin centezmu (Lm500.40) rapprezentanti d-danni kollha minnu sofferti fl-incident stradali illi sehh fi Triq il-Kuncizzjoni, Msida fit-2 ta' Ottubru, 2002 bejn il-vettura 'minibus' Reg No. GMY 132 misjuqa mill-attur u l-vettura Astra Heavy Goods Vehicle Reg No. EBG 256 misjuqa mill-konvenut, liema ncident sehh unikament bi traskuragni, imperizja u nuqqas ta'**

**harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 21 ta' Ottubru, 2002 u tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru, 2002 mibghuta lil Allcare Insurance Agency Limited a tenur tal-provvedimenti tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fl-14 ta' Jannar, 2003 fejn intqal :**
**Illi t-talbiet ta' l-attur kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, pero' b'tort tas-sewwieq tal-vettura GMY 132, u cioe' l-attur Carmel Axiaq, u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PC 723 Anthony Bonnici, Carmel Axiaq, Francis Spiteri, Cristino Cortis, Joe Barbuto. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti. Sema' lid-difensuri jittrattaw il-kaz.**
**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-2 ta' Ottubru, 2002, fi Triq il-Kuncizzjoni, Msida, bejn il-vettura minibus numru ta' registrazzjoni GMY-132 u l-vettura concrete mixer numru ta' registrazzjoni EBG-256. Il-vetturi kienu ghaddejjin minn fejn hemm il-bini tal-Gvern il-gdid hdejn l-Ghajn tal-Hasselin, direzzjoni biex johorgu fit-triq principali.**
**2. Skond ir-road accident report Dok.AB1, jinghad li skond ix-xhieda li kien hemm il-vettura tal-konvenut laqtet il-vettura tal-attur, irriversja u rega' laqtu, u kompla sejjer.**
**3. Ma hemmx dubbju li l-konvenut laqat lill-attur, u dan jinsab konfermat mill-istess konvenut, li jghid li d-daqqa mieghu kienet fid-« double wheel » tan-nofs. Jirrizulta li l-attur kellu d-daqqa tieghu fuq il-mudguard ta' quddiem in-naha tax-xellug.**

**4. Jirrizulta ukoll illi wara l-incident il-konvenut baqa sejjer, u dana, skond il-konvenut, peress ili ma ndunax li laqat lill-attur.**

**5. Qabel ma sehh l-incident l-attur kien qed idoqq il-horn. Il-konvenut xehed li ma kienx jaf li l-konvenut kien hdejh fuq il-genb tieghu. Jirrizulta li l-konvenut kien jaf li qabel l-attur kien warajh.**

**6. Jidher li l-konvenut f'waqt minnhom kiser lejn ix-xellug, u rega' kiser lejn il-lemin, u hemm sehh l-incident.**

**7. Pero` il-fattur ewlieni li ta' lok ghall-incident kien li l-konvenut ma kienx qed jaghti kaz assolutament tal-vetturi li setghu kienu hdejh, bhalma kien l-attur, u fil-fatt il-konvenut stess jghid li ma kienx jaf li l-konvenut kien mal-genb tieghu. Ghalhekk meta l-konvenut kiser, minghajr ma qaghad attent ghal dak li kellu hdejh, habat fil-vettura tal-attur. Saq il-quddiem regga' lura, u rega' habat mal-attur. Fic-cirkostanzi l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh.**

**8. Bhala danni, hemm kontestazzjoni dwar it-telf subit mill-attur sakemm saru r-riparazzjonijiet, u dana skond ma jirrizulta mid-Dok.C jammonta ghall-mitejn u sitta u sebghin lira u tmenin centezmu. Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni fl-ammont l-iehor ta' mitejn u tmienja u erbghin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm248.85) Dok.A u B.**

**9. Skond ma xehed Joe Barbuto, General Manager tal-Kooperativa, l-ammont fid-Dok.C jindika t-telf li ghamel l-attur a bazi ta' hamest ijiem xoghol. Dan ix-xhud pero` ma gabx prova dwar li dan ix-xoghol sar minn haddiehor f'dawk il-hamest ijiem. Ghalhekk it-Tribunal arbitrio boni viri, qed jaccetta biss nofs l-ammont mitlub fir-rigward, u cioe fis-somma ta'mija u tmienja u tletin lira u erbghin centezmu (Lm138.40).**

**10. Ghalhekk d-danni li sofra l-attur qed jigu likwidati fis-somma ta' tlett mija u sebgha u tmenin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (LM387.25).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament kif inghad, isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u sebgha u tmenin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (LM387.25) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 21 ta' Ottubru, 2002 u tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru, 2002 mibghuta lil Allcare Insurance Agency Limited a tenur tal-provvedimenti tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------